Nru./No. 20,803
Prezz/Price
€13.32

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 10 ta' Marzu, 2022
Thursday, 10th March, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Avviżi tal-Gvern ..... 2381 - 2669
Notices ..... *2381 - 2669*

Avviżi tal-Qorti ..... 2670 - 2672
Court Notices ..... *2670 - 2672*

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI (KAP. 354)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6) tal-artikolu 59 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), qiegħda tiġi hawnhekk ippubblikata bħala Skeda li tinsab ma' dan l-avviż lista bl-ismijiet tal-Assistenti Kummissjonarji Elettorali li se jattendu biex jissorveljaw il-votazzjoni f'kull kamra ta' votazzjoni speċifikata fl-Iskeda għall-finijiet tal-votazzjoni fl-Elezzjoni Ġenerali.

Lista ta' Assistenti Kummissjonarji Elettorali sostituti hija wkoll ippubblikata fl-Iskeda.

Skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) tal-artikolu 87 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), qiegħda tiġi hawnhekk ippubblikata bħala Skeda li tinsab ma' dan l-avviż lista bl-ismijiet tal-persuni maħturin biex jikkalkolaw, jissorveljaw u jgħoddu waqt l-għadd tal-voti fis-Sala għall-Għadd tal-Voti, In-Naxxar għall-finijiet tal-votazzjoni fl-Elezzjoni Ġenerali.

Qiegħda tiġi wkoll hawnhekk ippubblikata bħala Skeda li tinsab ma' dan l-avviż, lista bl-ismijiet tal-persuni maħtura bħala Uffiċjali tal-Post tal-Votazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 56 (2) tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354).

Lista alfabetika tal-persuni kollha maħtura fid-diversi karigi hija wkoll ippubblikata fl-Iskeda.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

L-10 ta' Marzu, 2022

GENERAL ELECTIONS ACT (CAP. 354)

Notice

In accordance with the provisions of subarticle (6) of article 59 of the General Elections Act (Cap. 354), there is hereby published as a Schedule to this notice a list containing the names of the Assistant Electoral Commissioners who will be in attendance to supervise the poll at each polling booth specified in the Schedule for the purposes of the forthcoming poll in the General Election.

A list of substitute Assistant Electoral Commissioners is also published in the Schedule.

In accordance with the provisions of subarticle (3) of article 87 of the General Elections Act (Cap. 354), there is hereby published as a Schedule to this notice a list containing the names of the persons appointed as calculators, supervisors and counters during the counting of votes at the Counting Hall, In-Naxxar for the purposes of the forthcoming poll in the General Election.

There is hereby published as a Schedule to this notice, a list containing the names of the persons appointed as Polling Place Officers in accordance with the provisions of article 56 (2) of the General Elections Act (Cap. 354).

An alphabetical list of all appointed persons serving in different duties is also published in the Schedule.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

10th March, 2022

IN LINE WITH OUR PRIVATE POLICY THE LISTS MENTIONED HEREUNDER WHICH CONTAIN PERSONAL INFORMATION ARE NOT BEING DISPLAYED ONLINE

GENERAL ELECTIONS ACT (CAP. 354)

A list containing the names of the Assistant Electoral Commissioners

A list of substitute Assistant Electoral Commissioners

A list containing the names of the persons appointed as counters, supervisors and calculators

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

369

IKUN jaf kulhadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) Gurisdizzjoni Volontarja fl-1 ta' Marzu 2022 fuq rikors numru 32/2017 JAMES PORTELLI, iben Sam Portelli u Connie neè Cordina, imwieled Victoria Għawdex, fl-14 ta' Marzu 1996 u residenti 55, Triq Pompei, Victoria, Għawdex (karta ta' identità numru 14996(G)) ġie RIJABILITAT

IT is hereby notified that the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction, by virtue of a decree delivered on 1st of March 2022 in the records of application number 32/2017, ordered that JAMES PORTELLI, son of Sam Portelli and Connie neè Cordina, born in Victoria, Gozo on the 14th of March 1996 and residing at 55, Triq Pompei, Victoria, Gozo (Identity Card number 14996(G)) be Rehabilitated.

Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Għawdex)

Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 7 ta' Marzu 2022

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali (Għawdex)

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Voluntary Jurisdiction.

This 7th March 2022

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

370

Permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Awwissu, 2021, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1088/2021, fl-ismijiet Awtorità għat-Trasport f'Malta vs Alexander Cassar, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Alexander Cassar a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 9th August 2021 of the Court of Magistrates (Malta) in the records of judicial letter number 1088/2021, in the names Malta Transport Authority vs Alexander Cassar, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Alexander Cassar in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 11 ta' Mejju, 2021

Lil Alexander Cassar (KI 0426767M), Heart of the Ocean, Flat 1, Triq Santa Margerita, Is-Siġġiewi, Malta

Permezz tal-preżenti l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, imwaqqfa bl-Artikolu 5 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta ta' Awtorità għat-Trasport f'Malta, Malta Transport Centre, Ħal Lija LJA 2021, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €2,660.00, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti l-valur tal-ammont dovut minnek lill-mittenti inkonnessjoni mal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DAB 885.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 11th May, 2021

To Alexander Cassar (ID 0426767M) of Heart of the Ocean, Flat 1, Triq Santa Margerita, Siġġiewi, Malta

By the present Malta Transport Authority, hereby established by Article 5 of the Malta Transport Authority Act of the Malta Transport Authority, Malta Transport Centre, Ħal Lija LJA 2021, is notifying you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the effects and purposes of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and is soliciting you to pay the amount of €2,660.00, which amount is sure, liquid and due representing the value of the amount due by you to the interpellant in connection with the vehicle with registration number DAB 885.

Despite several interpellations from the interpellant to pay the amount due, you failed to pay by the date of

ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Di più, ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza.

Dan l-att qed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppozizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddi biex tesegwixxi dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 2 ta' Marzu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

submission of this letter. And also, there is no valid reason for this default.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of Law and in default of payment or opposiion on your part in terms of the said Article 466 Cap. 12 of the Laws of Mlat,a the interpellant passes to execute this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 2nd March, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

371

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-14 ta' Frar, 2022, u dan wara Rikors b'numru 10/2022, Ordnat:

Li meta d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi biex jirreġistra l-Att tat-Twelid ta' Victoria Bershadsky fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta wara li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti kollha tal-Artiklu 244 tal-Kodiċi Ċivili u ċjoè li l-Att esteru jkun wieħed magħmul jew reġistrat minn awtorità kompetenti fil-pajjiż u li d-Direttur ikun sodisfatt mill-awtenticità tiegħu, u wara li tkun ġiet provvduta konferma bil-miktub taċ-ċittadinanza Maltija ta' Victoria Bershadsky propio maħruġa mid-Dipartiment taċ-Ċittadinanza, ikun jidher ċar li l-isem ta' Victoria Bershadsky proprio huwa 'Victoria' biss.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, it-Tlieta, 15 ta' Frar, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 14th February, 2022, and upon an application numbered 10/2022, Ordered:

That when the Director of the Public Registry comes to register the Act of Birth of Victoria Bershadsky in the Public Registry of Malta, after the requisites of Art 244 of the Civil Code are satisfied, and thus that the foreign act is one drawn up or registered by a competent authority in the country and that the Director is satisfied with its authenticity and only after a written confirmation of Victoria Bershadsky's Maltese citizenship has been provided and issued by the Department of Citizenship, it is to appear clearly that Victoria Bershadsky's name is only 'Victoria'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today, Tuesday, 15th February, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

372

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-2 ta' Marzu, 2022, fuq rikors ta' J. Zammit Limited (C37945) ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 4 ta' Mejju, 2022, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'garaxx sotterran, fi Sqaq il-Qenċ, Ħaż-Żebbuġ, Malta, tal-vettura hawn taħt deskritta maqbuda mingħand Ferraro Marco (KI 175053A) u Talin Chiara (KI 178682A):

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 2nd March, 2022, on the application of J. Zammit Limited (C37945), Wednesday, 4th May, 2022, at eleven in the morning (11.00 a.m.) has been fixed for the Sale by Auction, to be held in basement garage in Sqaq il-Qenċ, Ħaż-Żebbuġ, Malta, of the following vehicle seized from the property of Ferraro Marco (ID 175053A) and Talin Chiara (ID 178682A):

Vettura tal-marka Alfa Romeo Mito ta' lewn aħmar bin-numru tax-chassis ZAR95500001104463.

N.B L-imsemmija vettura tinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta numru 8/21.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 3 ta' Marzu, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Vehicle of the make Alfa Romeo Mito red in colour with chassis number ZAR95500001104463.

N.B. The said vehicle will be sold as described in the acts of judicial sale file number 8/21.

Registry of the Superior Courts, this Thursday 3rd March, 2022

GAETANA AQUILINA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

373

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-6 ta' Marzu, 2022, u dan wara Rikors b'numru 53/2022, Ordnat:

Il-korrezzjoni jew annotazzoni fl-Att tat-Twelid ta' Salvina sive Sylvia Abbas li jġib in-numru 321/1967, billi jitħassar l-isem 'Salvina' fil-kolonni relattivi kull fejn jidher u jiġi sostitwit bl-isem 'Sylvia'

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, it-Tlieta, it-8 ta' Marzu, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LL.B. (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 6th March, 2022, and upon an application numbered 53/2022, Ordered:

The Correction or annotation in the Act of Birth of Salvina sive Sylvia Abbas bearing the number 321/1967, by deleting the name 'Salvina' in the relative columns wherever it appears and replacing it with the name 'Sylvia'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today, Tuesday, 8th March, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LL.B. (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrarcourt of Revision of Notarial Acts

374

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-8 ta' Marzu, 2022, u dan wara Rikors b'numru 77/2022, Ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jeffettwa l-annotazzjoni/korrezzjoni fl-Att tat-Twelid ta' Olga Mugliett li jġib in-numru 483/2021 u fl-Att taż-Żwieġ li jġib in-numru 2849/2014 biex fil-kolonni relattivi ta' dawn iż-żewġ atti l-kelma patronimika 'Mykhailivna' ma tibqax tidher bħala li tifforma parti mill-isem ta' Olga Mugliette.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, it-Tlieta, 8 ta' Marzu, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LL.B. (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 8th March 2022, and upon an application numbered 77/2022, Ordered:

The director of the Public Registry to affect the annotation/correction in the Act of Birth of Olga Mugliette bearing the number 483/2021 and in the Act of Marriage bearing the number 2849/2014 so that in the relative columns of these two Acts the patronimic word 'Mykhailivna' should no longer appear as to form part of the name of Olga Mugliette.

Court of Revision of Notarial Acts

Today, Tuesday, 8th March, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LL.B. (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603